MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2014

Appell Civili Numru. 277/2010/1

**Annie Mizzi**

**Vs**

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

Il-Qorti,

Fil-25 ta’ Marzu 2013, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat

is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"Il-Qorti:-*

*Rat l-avviz tar-rikorrenti Annie Mizzi ppresentata fit 2 ta' Awissu 2010 fejn talbet lill Qorti tordna lis-socjeta intimata HSBC Bank Malta plc troddilha lura s-somma ta' erbat elef, sitt mija u sittin Euro, (€4,660) ossija elfejn liri maltin, liema flejjes gew zbankati minn kont taghha illi kellha mas-socjeta intimata, tat-tip savings, numru 134252219, minghajr il-kunsens u l-awtorizazzjoni taghha.*

*Rat ir-risposta tal-Bank intimat fejn eccepixxa, prelimiarjament, il-preskrizzjoni kwinkwennali a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap 16 kif ukoll, fil-meritu, eccepiet illi ma kellha trodd lura ebda flejjes peress illi l-flejjes kienu gew zbankati mill-istess rikorrenti u ghalqet il-kont bankarju taghha fit 13 ta' April 2002.*

*Rat illi fis seduta tal-15 ta' Dicembru 2010 il-partijiet qablu illi kellhom jingiebu provi fuq l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u l-provi kellhom jinbdew mill-istess socjeta intimata.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Dr Daphne Dodebier****, bhala avukat fit-Taqsima Legali tal-Bank intimat, ippresentat fl 14 ta' Jannar 2011 u id-dokumenti esebiti mal-istess affidavit.*

*Rat l-affidavit ippresentat fit 2 ta' Frar 2011 ta'* ***Caroline Farrugia****, impjegata tas-socjeta konvenuta li kienet tahdem bhala supervisor meta inghalaq il-kont bankarju tar-rikorrenti u kienet iffirmat id-dokument ta' eghluq tal-kont illi gie esebit mis-socjeta intimata a fol 25 tal-process bhala Dok HSBC V.*

*Rat l-affidavit ippresentat fit 2 ta' Frar 2011 ta'* ***Frances Borg****, impjegata ohra tal-Bank intimata, illi kienet pprocessat l-eghluq tal-kont u d-dokument fuq gia imsemmi.*

*Rat l-affidavit ta'* ***Victoria Azzopardi****, impjegata ohra tas-socjeta intimata, illi kienet tahdem bhala 'counsellor' u li lilha kellmitha r-rikorrenti kellmet biex taghlaq il-kont u rredigiet id-dokumentazzjoni kollha wara illi tkun accertat ruhha mill-identita' tar-rikorrenti.*

*Rat illi fit 22 ta' Marzu 2011is-socjeta intimata ddikjarat li ma kienx fadallha aktar provi.*

*Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta'* **Dr Daphne Dodebier** *moghtija fl-14 ta' Dicembru 2011.*

*Semghet ix-xhieda ta'* **Annie Mizzi** *w il-kontro ezami taghha mightija fil 25 ta' Mejju 2012.*

*Rat illi fid 19 ta' Novembru 2012, il-partijiet qablu li l-kawza tista tmur ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni bil-fakolta' illi jaghmlu n-noti.*

*Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta intimata ippresentata fil 11 ta' Dicembru 2012 u in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ippresentata fl-14 ta' Marzu 2013.*

***Ikkunsidrat***

*Ghalkemm din il-Qorti ser tiddeciedi biss l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ikun utili illi ssir riassunt tal-kaz kollu bil-provi kollha prodotti sa issa.*

*Illi l-kaz in ezami jikkoncerna talba maghmulha mir-rikorrenti kontra il-Bank HSBC, fejn hija qieghda tallega li l-bank zbankaw il-flus kollha illi hija kellha fil-bank, fl-import ta' €4,660, ossija elfejn Liri Maltin, minghajr il-kunsens taghha, u ghalhekk kiened qed titlob ir-rifuzjoni taghhom.*

*Min-naha taghhom, il-Bank ippresenta xhieda u dokumentazzjoni sabiex jiggustifikaw id-difiza taghhom, kemm illi l-azzjoni odjerna hija preskritta kif ukoll illi l-flejjes kienu ingibdu mir-rikorrenti stess.*

*Jirrizulta illi fit 8 ta' Jannar 2000, ir-rikorrenti fethet il-kont 134252219, li sussegwentement sar 013129648050, u ddepositat elfejn Liri Maltin. Fil 11 ta' Jannar tal-istess sena, imbghad, iddepositat hames mitt liri maltin ohra, u ghalhekk kien hemm bilanc ta' elfejn u hames mitt Liri Maltin.*

*Fil 15 ta' Jannar 2000 r-rikorrenti iddepositat ghaxar liri Maltin izda gibdet elfejn u hames mitt liri maltin, bir-rizultat illi halliet bilanc fil-bank ta' ghaxar liri Maltin.*

*Eventwalment, fit 13 ta' April 2002, ir-rikorrenti gibdet il-bilanc li kien ghad fadal fil-bank, li issa kien sar ta' hdax-il Lira u sitta u erbghin centezmu, u ghalqet il-kont.*

*Kien biss fit 29 ta‘ Lulju 2008, jigifieri sitt snin wara li nghalaq il-kont u tmien snin u nofs wara li ngibed l-import kwazi kollu tal-kont, illihija marret il-Bank tinfurmahom illi hija kellha kont maghhom ta’ elfejn liri Maltin, liema kont il-Bank kien gharrafha li ma jesisitix.*

***Ikkunsidrat***

*Illi mill-provi prodotti, il-Qorti ma ghandha ebda dubju illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata tirrizulta, u dana peress illi l-kont bankarju tar-rikorrenti inghalaq fit 13 ta’ April 2002 u l-azzjoni odjerna infethet fit 2 ta’ Awissu 2010, aktar minn tmien snin wara. Apparti minn hekk, l-import principali tal-kont bankarju tar-rikorrenti kien gie irtirat fil 15 ta’ JAnnar 2000, jigifieri ben aktar minn ghaxar snin u nofs qabel ma bdiet il-kawza.*

*Ghalhek certament tali eccezzjoni ta’ preskrizzjoni tirrizulta.*

*Madanakollu, huwa opportun illi isir kumment anke dwar il-meritu, minkejja li mhux ser ikollha import fuq id-decizjoni tal-Qorti.*

*Ghandu jigi nnutat illi id-dokument ta’ eghluq tal-kont li gie ippresnetat mill-bank attur bhala Dok HSBC V juri li dana gie iffirmat mir-rikrorenti stess. Harsa lejn il-karta tal-identita’ tal-istess rikorrenti esebita, animo ritirandi mir-rikorrenti fuq talba tal-Qorti, u li taghha inzammet kopja, turi bic-car illi l-firma li tidher fuq id-dokument tal-Bank huwa l-istess bhal dak tar-rikorrenti.*

*Ghalhekk jirrizulta ben car illi tali kont inghalaq mir-rikorrenti, u forsi r-rikorrenti nsiet dwar tali fatt.*

*Dwar il-flejjes migubda mir-rikorrenti f’Jannar 2000, ghalkemm il-Bank ma ghandhux dokumentazzjoni dwar min iffirma ghal tali depositi u iritrar tal-flejjes, il-Qorti hija konvinta li l-Bank ikun ha il-prekwazjonijiet kollha qabel mal-flejjes jigu irtirati u l-probabbilta‘ hija li, bhalma r-rikorrenti nsiet li ffirmat ghal-eghluq tal-kont, nsiet ukoll illi ritrat tali flejjes ukoll.*

***Konkluzjoni***

*Il-Qorti*

*Wara illi rat il-provi kollha prodotti u*

*Wara illi qieset il-fatti kollha fid-dettall*

*Tghaddi biex taqta u tiddeciedi billi*

***Tilqa'*** *l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta intimata u filwaqt illi* ***tichad*** *it-talba attrici, tiddikjara t-talba meritu tal-kawza odjerna bhala preskritta a tenur tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

***Spejjez*** *tal-proceduri odjerni ikunu a kariku tar-rikorrenti.*

Illi l-appellanti Annie Mizzi appellat mill-imsemmija sentenza fit-termini tal-aggravji li jikkoncernaw:-

(a) illi l-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti mertu tal-kawza, meta d-decizjoni taghha kellha tkun limitata ghal dik dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-bank intimat.

(b) Ghalhekk ikkalkulat iz-zmien minn meta kellu jibda jiddekorri il-perijodu preskrittiv billi ghamlet analizi tal-provi u waslet ghal din id-data billi iddecidiet illi din kellha tkun id-data meta l-appellanti tghat istruzzjonijiet lil bank biex jaghlaq il-kont taghha, haga li l-appellanti tikkontestat li qatt ma ghamlet.

(c) Il-preskrizzjoni eccepita mill-bank konvenut hija ghal kollox irrilevanti u inapplikabbli ghall-azzjoni proposta mill-esponenti. L-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liijiet ta' Malta mhux applikabbli ghaliex l-appellanti qatt ma tghat istruzzjonijiet lil bank sabiex jaghlaq il-kont taghha u kwindi l-ebda terminu preskrittiv ma jista jibda jiddekorri ghaliex hija mhijiex qed tivvanta l-ebda kreditu.

(d) L-eccezzjonijiet sollevati mill-bank appellat huma kontradittorji billi l-bank qieghed jirrikonoxxi id-dritt tal-appellanti li tesigi il-kreditu, izda imbaghad qed jecepixxi il-preskrizzjoni.

(e) L-ahhar aggravju jikkoncerna l-ispejjez gudizzjarji billi l-appellanti tilmenta illi tali spejjez ma kellhiex tbaghtihom hi.

Minn dak li jinzel mill-atti tal-kaz u mis-sentenza impunjata jidher illi hemm fatt wiehed biss mhux ikkontestat bejn il-partijiet u cioe illi l-attrici fethet kont tat-tip *savings* mall-bank appellat, fergha Rahal il-Gdid bin-numru 134252219 u dana fit-08 ta’ Jannar tas-sena 2000. L-ammont iddepozitat mal-ftuh tal-kont kien ta’ elfejn liri Maltin (Lm2000). Fuq il-fatti l-ohra imressqa il quddiem mill-bank intimat jidher illi l-attrici appellanti ma taqbilx billi hija tichad illi qatt effetwat xi depoziti ohra f’dana il-kont wara d-data tal-ftuh u b’mod kategoriku tichad illi hija qatt gibdet xi flus minnu sabiex eventwalment ghalqet l-istess kont. Il-bank appellat, izda jipprezenta dokumentazzjoni li tixhed il-kontra ta’ dak li tghid l-appellanti u jishaq illi:

1. Fil-11 ta’ Jannar 2000 sar depozitu iehor ta’ Lm500

2. Fil-15 ta’ Jannar 2000 sar depozitu iehor ta’ Lm10 u ingibdu kontemporanjament Lm2500.

3. Fit-13 ta’ April 2002, imbaghad inghalaq il-kont.

Huwa abbazi ta’ dawn l-allegazzjonijiet ghalhekk illi l-bank appellat eccepixxa il-preskrizzjoni ta’l-azzjoni a tenur ta’l-artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Liijiet ta’ Malta.

Sabiex l-Ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha u laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata hija dahlet sabiex ezaminat il-fatti tal-kaz u ghalhekk il-kontestazzjoni sollevata mill-attrici appellanti fil-mertu. L-attrici ghalhekk sejset il-lanjanza taghha fuq dina l-parti tas-sentenza impunjata billi sahhqet illi l-Ewwel Qorti ma setghet qatt tghaddi sabiex taghmel evalwazzjoni fil-mertu sabiex tiddeciedi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi sabiex ghamlet dan hija kellha per konsegwenza tesprimi ruhha wkoll dwar il-mertu tal-kaz u ghalhekk tezamina l-eccezzjoni l-ohra sollevata mill-bank intimat dwar il-mertu. Fil-fatt izzid tilmenta illi sabiex gie stabbilit mill-Ewwel Qorti id-data minn meta kellha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni ta’l-azzjoni, hija tghat ragun lill-bank intimat fil-mertu u dana billi ikkonkludiet illi hija kienet gibdet il-flus u ghalqet il-kont bankarju mertu tal-kawza, meta hija qed tichad dana l-fatt kategorikament.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti sa hawnhekk l-attrici appellanti ghandha ragun. L-Ewwel Qorti kellha kompitu wiehed biss u cioe’ li taghmel indagini sabiex tara minn liema data l-attrici appellanti saret taf b’dan l-istat ta’ fatt u cioe’ bil-fatt illi l-flus fil-kont bankarju taghha kienu gew zbankati, allegatament *ad insaputa* taghha. Kien minn dan il-mument illi twieled id-dritt taghha li tagixxi kontra l-bank intimat. Dana ghaliex hawnhekk tiskatta ir-regola inferita fl-artikolu 2137

tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' illi t-terminu preskrittiv jibda jiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni setghet tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies ta'l-istat jew il-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss. Illi l-Ewwel Qorti stabbiliet id-data minn meta kellha tibda tiddekorri l-preskrizzjoni bhala id-data meta inghalaq il-kont bankarju, u cioe' id-data tat-13 ta' April 2002. Dana madanakollu ma hux korrett billi l-attrici tallega illi hija ma kenitx a konoxxenza tal-fatt illi l-kont kien inghalaq u li hi saret taf b'dan zmien wara. Lanqas ma kien korrett meta l-Ewwel Qorti dahlet biex tikkonsidra l-mertu tal-kaz u ikkonkludiet illi x'aktarx illi l-attrici kienet insiet li ghalqet il-kont. Dan ma kienx mistenni minnha u hawnhekk l-attrici appellanti ghandha ragun.

Jigi ghalhekk biex jigi ikkunsidrat issa jekk l-preskrizzjoni eccepita kenitx dik applikabbli ghal fattspecje ta' dana l-kaz. Dan ghaliex l-attrici appellanti tressaq lanjanza ohra fis-sens illi l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 indikat mill-bank intimat ma jittaljax ghal dana l-kaz. Illi minn qari ta'l-avviz jitnissel bhala fatt illi l-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq allegazzjoni illi l-bank ghalaq il-kont bankarji taghha tat-tip *savings* minghajr il-kunsens espress taghha.

Issa l-artikolu 1894 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta ixebbah id-depozitu mal-kuntratt tas-self jew mutwu u dana ghaliex ir-recipjent tal-flus jew oggett iehor fdat in depozitu ghandu l-istess jeddijiet u obbligi. Ir-recipjent jircevi l-oggett mghoddi lilu u jista' juza l-istess daqs li kieku huwa is-sid, bil-kundizzjoni madanakollu li jrodd daqshekk iehor ta'l-istess xorta u kwalita'.

Illi tghallimna l-gurisprudenza dwar il-preskrizzjoni applikabbli fir-rigward:

"**Kif inhu mghallem f'dan il-qasam, preskrizzjoni bhal din hija eccezzjoni ghar-regola generali tal-preskrizzjoni ta' tletin sena ghall-azzjoni civili. Ghalhekk, preskrizzjoni bhal din ghandha tinghata tifsira dejqa. Issa jrid jinghad li ghalkemm il-kelma "kreditu" tfisser kull jedd *in personam* li jaqbel ma' kull obbligazzjoni ta' debitur, jidher li fil-qafas tal-artikolu 2156 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kelma "kreditu" imsemmija fil-paragrafu (f) tieghu ghandha tigbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess bixra tal-jeddijiet imsemmija fil-paragrafi l-ohrajn tieghu. Ta' min jgid li c-cirkostanzi kollha mahsubin fl-artikolu 2156 huma obbligazzjonijiet ghall-hlas ta' flus u mhux obbligazzjonijiet *di fare*. Illi peress illi l-preskrizzjoni "residwali" mahsuba taht l-artikolu 2156(f) tal-Kap.16 hija soggetta ghall-interpretazzjoni *eiusdem generis*, allura dan igib mieghu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra taghha titressaq l-eccezzjoni bhal din trid tkun wahda ghal hlas ta' flus. Kemm hu hekk inghad illi din il-preskrizzjoni tapplika ghal zewg ordni ta' krediti: jigifieri l-prestazzjonijiet accessorji jkunu liema jkunu, u uhud mill-pretazzjonijiet ewlenin jew principali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew haga fungibbli balma huma l-flus**[1]."

Ili ma hemmx dubbju illi l-attrici appellanti qieghda titlob il-hlas ta' ammont ta' flus u precizament ir-radd lura ta' ammont ta' flus fdat minnha lill-bank appellat taht titolu ta' depozitu. Kwindi ma ghandux ikun hemm dubbju illi l-preskrizzjoni li tapplika ghal fattispecje ta' dana l-kaz ghandu ikun l-artikolu tal-ligi iccitat mill-bank intimat fl-eccezzjonijiet minnu sollevati. Stabbilit dana l-fatt allura, jinsab pacifikament akkolt fil-gurisprudenza taghna, illi "**jekk bniedem ikun jaf bi stat ta' fatt li jkun jintitolah jezercita dritt u jhalli dak l-istat ta' fatt jipprogredixxi minghajr ma jagixxi ghad-dritt, u fil-frattemp iz-zmien ghal tali**

[1] PA Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd. Vs Dismar Company Limited deciza 12/10/2004; ara ukoll sentenza 7 ta' Frar 1949 in re Giovanni Saliba et versus Angelo Grech il-Qorti ta' l-Appell

**azzjoni ikun ghadda, jigi, fic-cirkostanzi kongruwi, li hu jkun irrinunzja ghall-prosegwiment ta' dak id-dritt**.[2]"

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi kienu jintbaghtu *statements* bankarji tal-kont lill-attrici fuq l-indirizz 121, Triq il-Belt Valletta, Paola. L-*istatements* esebiti jkopru il-perijodu bejn it-08 ta' Jannar 2000 u t-13 ta' April 2002[3]. Fl-ahhar *statement* tal-2002 jirrizulta illi l-kont kien inghalaq. Mill-atti imbaghad johrog ukoll illi fit-02 ta' Awwissu 2008, l-attrici permezz tal-konsulent legali taghha kitbet lill-bank appellat fejn allegat illi l-kont kien inghalaq *ad insaputa* taghha[4]. Meta xehdet in kontro-ezami l-attrici sostniet illi hija dejjem ghexet gewwa il-fond 121, Triq il-Belt Valletta Rahal il-Gdid, izda tallega illi l-*istatements* tal-kont li l-bank kien jibaghtilha darbtejn fis-sena hija ma kenitx irceviethom. Illi anke kieku ghal grazzja ta'l-argument din il-Qorti kellha temmen lill-appellanti, huwa inverosimili izda kif tul tmien snin shah hija qatt ma stharrget mal-bank il ghala ma kenitx qed tircevi xi inkartament dwar il-kont taghha, billi huwa fatt maghruf illi kwalunkwe bank kummercjali b'mod regolari jaghti informazzoni lill-klijenti tieghu dwar il-kontijiet taghhom mizmuma mal-bank. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-attrici baqghet inattiva u dana ghal diversi snin meta ma baqghetx tircievi l-istatements tal-kont u ma ghamlitx il-verifiki necessarji izda, ghal xi raguni mhux maghrufa, ghamlithom biss tmien snin wara fid-29 ta' Lulju 2008[5]. Illi ghalhekk zgur li l-attrici setghet tezercita l-azzjoni taghha sa mit-13 ta' April 2002 meta il-bank waqfu jibaghtu iktar *statements* in konnessjoni mall-kont. Kwindi ma hemmx dubbju illi l-azzjoni attrici tinsab preskritta bid-dekors ta' hames snin a tenur ta'l-artikolu

---

[2] ara sentenza Pawlina Cachia vs Joseph Aquilina noe et – PA – 09/06/2004
[3] Ara Dokumenti esebieti minn fol.. 17 sa 24
[4] Ara Dok HSBC III a fol.16
[5] Ara Dokument a fol.14

2156(f) tal-Kapitolu 16. Kwindi ghalkemm l-appellanti ghandha ragun f'dak li issostni fl-ewwel zewg aggravji minnha sollevati, madanakollu il-lanjazni l-ohra ma jisthoqqilhomx akkolijment ghal motivi surriferiti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tichad l-appell imressaq il quddiem mill-attrici u tikkonferma s-sentenza appellata.

L-ispejjez taz-zewg istanzi ghandha tbatiehom l-attrici appellanti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------